20 ta' Frar 2014

# Rapport Amministrattiv

## Minn Jannar sa Diċembru 2013

## U

# Pjan ta' Attività

## għas-sena 2014

Fl-ewwel parti tas-sena l-Kunsill Lokali l-Gudja kien magħmul mis-Sur John Mary Calleja Sindku, Sur Romeo Baldacchino Viċi-Sindku u l-Kunsillieri s-Sur Mark Anthony Sammut, is-Sur Osvaldo Pace u s-Sur Anthony Dalli. Fid-09 ta' Marzu 2013 saret l-elezzjoni u l-Kunsill issa huwa kompost mis-Sindku s-Sur John-Mary Calleja, l-Viċi-Sindku s-Sur Romo Baldacchino u l-Kunsillieri s-Sur Mark Anthony Sammut, Is-Sna Demelsa Grech u s-Sur Stefan Caruana.

Il-Kunsill jiffunzjona billi kull Kunsillier jaħdem fid-dekasteru tiegħu/tagħha flimkien ma' kunsillieri oħra sabiex b'hekk il-Kunsill iwettaq il-missjoni u l-għanjiet li għalihom ġie imwaqqaf u li jkun ta' siwi u ġid, mingħajr distinzjoni filwaqt li joffri solidarjetà u wens lir-residenti kollha tal-Gudja. Il-Kunsill huwa wkoll konxju li d-deċizjonijiet ikunu meħuda qrib ir-residenti u mhux b'mod arbitrarju. Il-Kunsill b'mod ġenerali juri li l-bniedem huwa ċ-ċentru ta' kull funzjoni u attività fdata f'idejn il-Kunsill kemm b'mod formali kif ukoll b'mod informali, kemm b'mod personali kif ukoll b'mod ħolistiku.

Nagħtu bidu għal dan ir-rapport billi f'isem il-Kunsill Lokali l-Gudja ngħidu grazzi lir-residenti kollha kif ukoll lill-għaqdiet u voluntiera tal-ħidma u ko-operazzjoni tagħhom

mal-Kunsill.  Il-ħidma ta' kull Kunsillier hija kollha valida u apprezzata għaliex din hija immirata li kull resident tal-Gudja ikollu ħajja aħjar.

Il-Kunsill jaħdem bla waqfien sabiex inkunu qrib tan-nies tal-Gudja u nisimgħu b'dak li qed idejjaqhom kemm fuq livell personali kif ukoll fuq livell kollettiv bħala Komunità.  Il-Kunsill jagħmel dak kollu possibli sabiex il-ħajja tan-nies tal-Gudja tkompli tmur għall-aħjar billi jaħdem f'sistema bl-anqas burokrazija, trasparenti u jassisti lir-residenti kemm individwalment kif ukoll b'mod ġenerali f'diversi oqsma u joffri l-aħjar servizz li jwieġeb għal ħafna mill-ħtiġijiet tar-residenti.  Dejjem nixtiequ nagħmlu aktar u aħjar.

Il-Kunsill kompla jaħdem kemm fuq livell lokali kif ukoll fuq livell nazzjonali u żamm kuntatt dirett u kontinwu mal-awtoritajiet kollha li għandhom x'jaqsmu mas-servizzi u utilitajiet oħra meħtieġa għan-nies tal-Gudja.

Kemm dokumenti li għandu l-Kunsill kif ukoll il-laqgħat li saru mal-Awtoritajiet juru li l-Kunsill huwa dinamiku u ma jżommux lura li juri l-ħitiġijiet u x-xewqat tar-residenti kollha tal-Gudja.

Dwar dak li huwa xogħol ta' toroq u infrastruttura l-Kunsill ikkonkluda Triq il-Kbira, Wesgħet Anglu Dalli u parti minn Triq il-Fidwa.  Il-Kunsill iħoss illi għandu jagħti ftit tagħrif dwar dak li ġara fi-twettieq ta' dan il-proġett.

Għalkemm il-Kunsill kellu l-ippjanar meħtieġ bdew jinqlagħu ħafna problemi mal-kuntrattur magħżul u għalhekk il-Kunsill kellu jerġa joħroġ offerti ġodda.  Din ma kinitx l-unika problema għaliex wara inqalgħu problemi kbar dwar id-drenaġġ li jidher li kien ilu mkisser għall-bosta snin bil-konsegwenza li għamel ħafna ħsarat fil-proprjetajiet privati tar-residenti tal-istess inħawi.  Ix-xogħol għalkemm ħa ħafna żmien u filwaqt niskużaw ruħna għal kull inkonvenjent, tlesta sewwa u l-Kunsill Lokali Il-Gudja għamel il-ħlasijiet kif meħtieġ.

Il-Kunsill issa huwa impenjat li jagħmel xogħlijiet fi Triq Birżebbuġa, Triq Ħal Safi u fl-inħawi tal-madwar.

Qed jiġi ippjanat xogħol ieħor sabiex trejqiet qalb l-għelieqi fil-madwar tal-Gudja ikunu aktar aċċessibli għall-bdiewa li jaħdmu r-raba tagħhom f'dawn l-inħawi u qed ukoll jimbarka fuq program ta' xogħol li jgħin l-aċċessibilita ta' trejqiet fil-kampanja u l-għelieqi ta' madwar il-Gudja kif ukoll li dawn it-trejqiet ikunu t'attrazzjoni bħala heritage trail li jgħinu fil-pakkett turistiku dwar il-Gudja.

Il-Kunsill kompla jaħdem sabiex ġewwa l-Gudja ikun hemm dawl kull fejn ikun meħtieġ u fl-istess ħin iwarrab il-ħela ta' dawl f'postijiet pubbliċi. Il-Kunsill kompla jagħti sehemu f'kampanji edukattivi ta' kif wieħed għandu jelimina l-ħela ta' dawl u jippromwovi l'użu ta' enerġija alternattiva. Il-Kunsill issa ukoll impenjat dwar l-użu tal-ilma kif ukoll dwar il-ġibjuni ġewwa u madwar il-Gudja. Wara l-preparazzjoni meħtieġa l-Kunsill ta' bidu dwar faċilitajiet ta' bandli u attrezzaturi oħra fi Ġnien Raymond Caruana u ħoloq post aktar sikur u bla perikli għat-tfal u ambjent aħjar b'mod ġenerali. Dan il-proġett huwa stmat li sejjer jiswa madwar €72,000.00 u li €46,000.00 sejrin jinkisbu mill-fondi taħt l-iskema tal-Urban Improvement Fund (UIF) u li sejjer ikun lest għan-nofs Marzu 2014.

Il-Kunsill kompla jieħu ħsieb l-ambjent kemm ġewwa l-Gudja kif ukoll fl-inħawi ta' madwar sabiex il-Gudja tkompli tkun apprezzata aktar kemm mir-residenti kif ukoll min dawk li jżuruha kemm matul il-jum kif ukoll flgħaxija, kemm fis-Sajf kif ukoll fix-Xitwa.

Il-ħidma tal-Kunsill fil-qasam ta' l-informatika, sport u edukazzjoni hija kontinwa. Huwa ferm ta' sodisfazzjon ngħidu li bil-koperazzjoni li nsibu mill-iSkola Primarja Kulleġġ San Benedittu komplejna nwettqu proġetti kemm ma' l-istudenti kif ukoll mal-għalliema u l-Kap ta' din l-iskola. L-iskola St. Joan Antide ukoll dejjem tikkopera mal-Kunsill Lokali kull meta l-Kunsill fittex l-għajnuna ta' din l-iskola u ta' dan il-Kunsill iħossu kemm onorat iżda ukoll obligat lejn kull min jgħin lill-Kunsill b'din il-ħidma.

Il-Kunsill għadu jagħmel talbiet għall-immaniġġjar tat-traffiku f'ċerti żoni u pedestrian crossing f'diversi postijiet. Kien hemm progress, iżda l-Kunsill iħoss li għad fadal fejn issir xogħol ma' Trasport Malta sabiex il-ħajja tar-residenti kif ukoll tas-sewwieqa, tkun aktar sigura speċjalment meta wieħed ikun qed jaqsam għall-Ajruport Internazzjonali ta' Malta, fil-Gudja. Ninsabu infurmati li dawn it-traffic lights sejrin jiġu installati fi ftit żmien. Il-Kunsill sejjer ikompli b'kuntatt dirett mal-għola uffiċjali tal-TM sabiex dak meħtieġ isir u dan isir bal aktar dewmien.

Il-Kunsill ħadem ħafna ma' TM dwar skema ta' residential parking f'diversi toroq speċjalment dawk qrib ta' l-Ajruport Internazzjonali ta' Malta fil-Gudja. Il-Kunsill jinsab f'ħidma sabiex ir-residenti tal-Gudja jieħdu l-aqwa benefiċju minn din l-iskema ta' parkeġġ mingħjar ma jinħolqu diffikultajiet bla bżonn għal qraba ta' dawn l-istess residenti iżda li ma jgħixux fil-Gudja. Il-Kunsill ma jixtieqx ifixkel il-kummerċ iżda jixtieq li r-residenti tal-Gudja ikollhom post fejn jipparkjaw meta jiġu lura lejn darhom.

Saret ħidma kbira mill-Kunsill sabiex il-Gudjani ikollhom transport pubbliku li jlaħħaq mal-bżonnijiet tagħhom. Inkiseb progress iżda fadal xi jsir. Il-Kunsill talab li tiġi ukoll lura r-rotta l-antika bin-numru 8 u jihder li din it-talba sejra titlaqa'.

Il-Kunsill iżomm djalogu kontinwu mal-Parroċċa u l-NGO's kollha tal-Gudja. Dan joffri ħafna opportunitajiet li jistgħu igawdu minnhom in-nies tal-Gudja. F'dan ir-rigward il-Kunsill jara kif bil-koperazzjoni u l-ħdima konġunta mal-NGO's (inkluż il-baned lokali) jinkiseb il-ġid massimu fl-aħjar interess għall-Gudjani kollha kemm tfal, żgħażagħ, adulti u anzjani.

Dwar iż-żgħażagħ il-Kunsill Lokali Il-Gudja imbarka fuq diversi proġetti fejn iż-żgħażagħ ikunu jistgħu jipparteċipaw iżjed u juru l-ħiliet tagħhom fosthom fid-Drama, Mużika u Arti. Il-Kunsill irid ikompli jaħdem maż-żgħażagħ dwar il-volontarjat u b'hekk jinkiseb aktar ġid għar-residenti kollha tal-Gudja. Il-Kunsill ħatar ukoll ambaxxatriċi dwar il-Vot16 u din hija s-Sna Melanie Bugeja.

L-Anzjani ukoll għandhom post importanti fil-ħidma tal-Kunsill. Il-Kunsill qed iwettaq ħidma billi stabbilixxa ċentru ta' Edukazzjoni, Taħriġ u Rikreazzjoni ġewwa l-iSkola Primarja tal-Gudja. Dan il-proġett huwa investiment ta' valur għoli u l-Kunsill jixtieq jappella lil dawk l-anzjani u oħrajn li jixtiequ jingħaqdu mal-Kunsill f'dan iċ-ċentru sabiex jagħtu isimhom u dettalji meħtieġ dwarhom sabiex il-Kunsill joffri programmi ta' servizz għall-anzjani u oħrajn minn dan iċ-ċentru skond kif ikun mitlub. Il-Kunsill jixtieq l'itenni t-talba sabiex jiġi stabbilit Day Centre, fejn l-anzjani li jattendu ġewwa fih jingħataw tagħlim dwar saħħa, iġene, storja, kultura u affarijiet oħra utili sabiex tiġi mħarsa s-saħħa fiżika kif ukoll mentali tal-anzjani tal-Gudja. Minkejja t-talbiet tiegħu, sfortunatament il-Kunsill għadu ma rnexxilux jikseb l-għarifien u għajnuna meħtieġa minn sorsi u awtoritajiet governattivi dwar dan iċ-ċentru, iżda il-Kunsill huwa determinat li dan iċ-Ċentru jkun ta' siwi kbir għal dawk li jkunu qed jiffrekwentawh.

Fuq sensiela ta' diversi ġimgħat il-Kunsill Lokali il-Gudja flimkien mad-Dipartiment tal-Kura Primarja organizza diversi taħdidiet differenti dwar il-saħħa li dawn kienu jindirizzaw lil persuni ta' kull eta speċjalment anzjani, fejn il-konkorenza kienet waħda għola u ta' sodisfazzjon.

F'dan il-perjodu ta' ħidma l-Kunsill kompla jaħdem fuq l-aspett soċjali u organizza diversi ħarġiet għall-familja. Dawn il-ħarġiet servew sabiex jinħoloq l-ispirtu ta' djalogu ma' nies ta' kull eta kif ukoll divertiment nadif għal kull min attenda għal dawn il-ħarġiet. Il-Kunsill huwa sodisfatt bl-attendenza u jixtieq jirringrazzja lir-residenti għall-konkorenza tagħhom.

Il-Kunsill kompla jsostni u iġedded ftehim mad-Dipartiment tas-Servizzi Soċjali u b'hekk ir-residenti tal-Gudja jsibu l-għajnuna mingħajr diffikulta bl-aktar mod effiċjenti u professjonali.

In-nies tal-Gudja żgur jafu l-involviment tal-Kunsill fiċ-ċelebrazzjonijiet li jagħmel dwar Jum il-Gudja, l-Festi tal-Milied kif ukoll dwar Jum il-Qari. F'dawn l-attivitajiet il-Kunsill, għalkemm b'fondi limitati, joħroġ wieħed mill-aħjar Kunsilli Lokali li jagħtu l-aħjar

sostenn u divertiment kemm edukattiv kif ukoll ta' rikreazzjoni u kultura lir-residenti tal-Gudja u għal kull min jattendi għal dawn l-attivitajiet. Il-Kunsill iħeġġeġ ukoll sabiex l-għaqdiet u s-soċjetajiet ikunu huma stess li jtellgħu attivitajiet bil-kollaborazzjoni mal-Kunsill.

Dwar il-ħarsien tal-ambjent u l-indafa pubblika l-Kunsill jinsab minn ta' quddiem net f'dan il-qasam. Il-Kunsill kompla jonfoq u jassigura sabiex fil-Gudja u fl-inħawi ta' madwar ikun hawn indafa massima u jeduka lin-nies li l-iskart iffisser flus. Il-Kunsill kompla fil-ħidma tiegħu dwar is-separazzjoni tal-iskart mal-kumpanija GreenPak u jidher li r-residenti tal-Gudja qed jikkoperaw sewwa mal-Kunsill f'dan il-qasam. Il-Kunsill kiseb suċċess billi kompla jaħdem ma' l-iskola Primarja, Kulleġġ San Benedittu u dan sewa sabiex it-tfal jedukaw il-kbar f'dan il-qasam. L-ambjent tagħna ilkoll u hemm spazju għal kulħadd sabiex jaħdem f'dan il-qasam. Il-Kunsill kiseb ukoll l-award – Most improvement in Recycling u ingħata fondi ta' €1000.00 li swew sewwa sabiex isebbaħ u jatrezzaw Wesgħet Anglu Dalli u ħdejn il-niċċa tad-Duluri.

Dwar fondi mill-Ewropa sabiex jitwettaq xogħol u proġetti ta' fejda fil-Gudja, il-Kunsill ħa sehem f'Youth Exchanges li fih ibbenefikaw bosta żgħażagħ mill-Gudja li huma xiehda tas-suċċess miksbu f'dan il-qasam. Il-Kunsill applika ukol għall-fondi tal-GAL Xlokk.

Il-Kunsill qed ikun organizzat sabiex meta japplika, jikseb b'suċċess il-fondi mill-Ewropa u b'hekk ikun jista' jiffinanzja l-proġetti tiegħu bi flus ewropej ġewwa l-Gudja. Il-Kunsill qed isegwi din it-tema fuq bażi regolari.

F'din is-sena 2013 il-Kunsill ipparteċipa b'suċċess f'After School Sports għat-tfal ta' l-iskejjel u l-Youths on the Move. Il-Kunsill ikollabora ma' diversi għaqdiet sportivi sabiex saru diversi attivitajiet ġewwa l-Gudja li fijhom ipparteċipaw kemm individwi kif ukoll għaqdiet. Ir-residenti tal-Gudja żgur apprezzaw l-ħidma tal-Kunsill dwar l-edukazzjoni sportiva. Il-Gudja kisbet għarfien xieraq mill-Kumitat Olimpiku Malti għal

ħidma tal-Kunsill fil-qasam sportiv.  Il-Kunsill għadu ukoll għaddej bi ftehim mal-Gudja FC dwar l-użu tal-grawnd għal skop t'edukazzjoni fiżika.

Il-Kunsill qed jipprova jikiseb fondi mill-Awtorita tad-Djar sabiex il-Qasam tad-Djar (flats) f'Tal-Mitħna issir xogħol ta' manutenzzjoni meħtiega fil-komun.

Il-Kunsill mhux qiegħed iservi biss dwar tiswijiet ta' toroq, bankini u ambjent iżda jara l-ħtiġijiet anke personali ta' kull resident u jgħin b'kull mod possibli.

Il-Kunsill jitlob lir-residenti sabiex jersqu aktar għand il-Kunsill bil-ħtiġijiet tagħhom u b'xi ideat sabiex il-Kunsill jimbarka fuq proġetti li jkunu r-residenti stess li jkun il-protagonist.

Il-Kunsill jixtieq isemmi li jinsab f'ħidma kontinwa sabiex l-Ajruport Internazzjonali ta' Malta jerġa jiġi integrat fil-konfini tal-Gudja kif huwa ġust u xieraq.  Il-Kunsill jagħmel ukoll ħidma sabiex ikollu l-aħjar relazzjonijiet mad-diriġenti ta' l-Ajruport Internazzjonali ta' Malta li jinsab fil-Gudja sabiex b'hekk ikun jista ukoll jikseb dak kollu possibli għal ġid u b'risq ir-residenti tal-Gudja.  Fi żmien li ġej huwa maħsub li jsiru proġetti fuq bażi ta' Public Private Partnership (PPP) mal-MIA u li għandhom iservu ta' fejda għan-nies tal-Gudja.

Il-Kunsill Lokali Il-Gudja huwa magħmul mir-rappreżentanti li huma eletti minn nies tal-Gudja, għandu u jrid jibqa qrib tan-nies tal-Gudja u lest li jkompli jaħdem fl-aħjar interess tan-nies kollha tal-Gudja f'kull żmien u dan jagħmlu bl-akbar ħeġġa, dinjita' u b'infieq bil-galbu.

Il-pjan ta' ħidma tal-Kunsill huwa kontinwu u jiġi aġġustat skond il-ħtiġijiet tar-residenti tal-Gudja minn żmien għal żmien u dan ikompli jassigura li l-Kunsill jibqa għas-servizz tan-nies u mhux in-nies għas-servizz tal-Kunsill.

Il-ħsibijiet tal-badgit għas-sena 2014 jiġu diskussi waqt il-laqgħa għall-pubbliku fl-20 ta' Frar 2014.

Fl-aħħar u mhux l-inqas nixtiequ nirringrazzjaw lill-kunsillieri kollha kemm dawk li servew fl-ewwel xhur tas-sena 2013 kif ukoll lil dawk eletti wara d-09 ta' Marzu 2013 għax-xogħol, il-ħidma u tas-sehem tagħhom fi ħdan il-Kunsill Lokali il-Gudja.

Ejjew flimkien nagħmlu il-Gudja dejjem aħjar f'kull qasam u rispett.

| | |
|---|---|
| John-Mary Calleja | Joseph Mary Formosa |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

NB:- Il-Financial Statements għas-sena li għalqet fil-31 ta' Diċembru 2013 u l-bagid għas-sena 2014, li jinsabu annessi ma' dan ir-rapport, jagħtu ukoll indikazzjoni finanzjarja dwar il-ħidma tal-Kunsill.